

31989L0491

15.8.1989

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 238/43

**ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI****tas-17 ta' Lulju 1989****li tadatta għall-progress tekniku d-Direttivi tal-Kunsill 70/157/KEE, 70/220/KEE, 72/245/KEE, 72/306/KEE, 80/1268/KEE u 80/1269/KEE rigward il-vetturi bil-mutur**

(89/491/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 80/1268/KEE tal-16 ta' Diċembru 1980 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jikkonċernaw il-konsum ta' karburanti minn vetturi bil-mutur <sup>(1)</sup>, u b'mod partikulari Artikolu 3 tagħha,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/157/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardjaw il-livell permissibbli tal-ħoss u tas-sistema ta' l-exhaust tal-vetturi bil-mutur <sup>(2)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 87/354/KEE <sup>(3)</sup>, u partikularment Artikolu 3 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 80/1269/KEE tas-16 ta' Diċembru 1980 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw il-qawwa tal-magna ta' vetturi bil-mutur <sup>(4)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 88/195/KEE <sup>(5)</sup>, u b'mod partikulari Artikolu 3 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE ta' l-20 ta' Marzu 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja b'emissjonijiet minn vetturi bil-mutur <sup>(6)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 88/436/KEE <sup>(7)</sup>, u b'mod partikulari Artikolu 5 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 72/245/KEE ta l-20 ta' Ġunju 1972 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mas-soppressjoni ta' l-interferenza mir-radju prodotta minn magni ta' vetturi bil-mutur li jstartjaw bl-*ispark* <sup>(8)</sup>, u b'mod partikulari Artikolu 4 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 72/306/KEE tat-2 ta' Awissu 1972 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardjaw il-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu mill-magni tad-diesel użati fil-vetturi <sup>(9)</sup>, u b'mod partikulari Artikolu 4 tagħha,

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 88/76/KEE <sup>(10)</sup>, li emendat id-Direttiva 70/220/KEE, tintroduċi kriterji dwar l-użu tal-petrol mingħajr ċomb; billi l-adattament tal-magni eżistenti għal dan it-tip ta' petrol jitlob f'ħafna każijiet modifikazzjonijiet tekniċi li huma rilevanti għal konformità mad-Direttivi msemmija hawn fuq; billi jidher illi huwa xieraq li jkun iffaċilitat l-immaniġġjar amministrattiv ta' l-emendi li jirriżultaw tal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi konċernati fl-interess taż-żieda b'pass mgħaġġel ta' l-użu tal-petrol mingħajr ċomb; billi jidher b'żonnjuż ukoll li jiġu magħmulin aktar preċiżi l-ispeċifikazzjonijiet tad-Direttiva 88/76/KEE, li tipprevjeni vetturi milli jkollhom tagħmir li jikkontrolla l-emissjonijiet li jista' jiġi affettwat b'mod ħażin minn petrol biċ-ċomb, li jingħataw dan it-tip ta' petrol; billi jidher ugwalment xieraq li jkun introdott il-karburanti ta' referenza ġdid għall-magni diesel speċifikat f'din id-Direttiva fid-Direttiva 72/306/KEE li tikkonċerna l-emissjonijiet ta' dħaħen minn magni bħal dawn; billi jidher li jkun aħjar li f'din l-okkażjoni jiġu allinjati d-dispożizzjonijiet tekniċi tad-Direttiva 80/1269/KEE rigward il-qawwa tal-magna ma' dawk tar-Regolament korrispondenti tal-Kummissjoni Ekonomika Ewropea;

<sup>(1)</sup> ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 16.<sup>(2)</sup> ĠU L 192, tal-11.7.1987, p. 43.<sup>(3)</sup> ĠU L 76, tas-6.4.1970, p. 1.<sup>(4)</sup> ĠU L 214, tas-6.8.1988, p. 1.<sup>(5)</sup> ĠU L 152, tas-6.7.1972, p. 15.<sup>(6)</sup> ĠU L 190, ta' l-20.8.1972, p. 1.<sup>(7)</sup> ĠU L 375, tal-31.12.1980, p. 36.<sup>(8)</sup> ĠU L 375, tal-31.12.1980, p. 46.<sup>(9)</sup> ĠU L 92, tad-9.4.1988, p. 50.<sup>(10)</sup> ĠU L 36, tad-9.2.1988, p. 1.

Billi huwa mixtieq li jiġu introdotti kemm jista' jkun malajr l-emendi li jinsabu fid-Direttiva preżenti fil-liġijiet nazzjonali kkonċernati, peress li dawn huma meħtieġa b'mod partikulari matul il-perjodu trānsitorju; billi vetturi maħluqa għall-użu tal-petrol biċ-ċomb u vetturi li jeħtieġu petrol mingħajr ċomb sejrjn ikun jeżistu fl-istess żmien;

Billi d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma b'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat għall-Adattament għall-Progress Tekniku tad-Direttivi dwar il-Vetturi bil-Mutur,

ADOZZAT DIN ID-DIRETTIVA:

#### Artikolu 1

Id-Direttivi msemmija hawn taħt huma b'dan emendati b'konformità ma' l-Annessi ta' din id-Direttiva:

- Id-Direttiva 70/157/KEE hija emendata b'konformità ma' Anness I,
- Id-Direttiva 70/220/KEE hija emendata b'konformità ma' Anness II,
- Id-Direttiva 72/245/KEE hija emendata b'konformità ma' Anness III,
- Id-Direttiva 72/306/KEE hija emendata b'konformità ma' Anness IV,

— Id-Direttiva 80/1268/KEE hija emendata b'konformità ma' Anness V,

— Id-Direttiva 80/1269/KEE hija emendata b'konformità ma' Anness VI.

#### Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1990. Huma għandhom jinfirmaw minnufih lill-Kummissjoni dwar dan.

#### Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-17 ta' Lulju 1989.

*Għall-Kummissjoni*  
Martin BANGEMANN  
Viċi-President

## ANNEX I

## EMENDI GĦALL-ANNEX I TAD-DIRETTIVA 70/157/KEE

6 għandu jizjed kif ġej:

- “6. ESTENSIJONI TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP KEE
- 6.1. **Tipi ta' vetturi mmodifikati biex jaħdmu bil-petrol mingħajr ċomb**
- 6.1.1. L-approvazzjoni għal tip ta' vettura mmodifikata u/jew aġġustata biss għall-iskop li tkun kapaċi taħdem permezz ta' petrol mingħajr ċomb, kif speċifikat fid-Direttiva 85/210/KEE, għandha tkun estiża meta l-fabbrikant jiċċertifika, soġġett għall-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip, li l-livell tal-ħoss għal vettura mmodifikata ma jkunx jeċċedi l-valuri ta' limitu speċifikati fi 5.2.2.1.
- 6.2. **Tipi ta' vetturi mmodifikati għal kull skop ieħor**
- 6.2.1. L-approvazzjoni ta' tip ta' vettura tista' tkun estiża għal tipi ta' vetturi li jvarjaw fir-rigward tal-karatteristiċi elenkati f'Annex III, jekk l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip tikkunsidra li l-modifikazzjonijiet li jkunu saru aktarx li ma jkollhomx effett sostanzjalment kuntrarju fuq il-livell tal-ħoss tal-vettura.”

## ANNEX II

## EMENDI GĦALL-ANNEX I TAD-DIRETTIVA 70/220/KEE

1. Dan it-test li ġej għandu jidħol fil-bidu ta' 2.2:
- “2.2. ‘Massa tar-referenza’ tfisser il-massa tal-vettura meta tkun f'kundizzjoni ta' sewqan mingħajr il-massa uniformi tas-sewwieq ta' 75 kg, u miżjuda b'massa uniformi ta' 100 kg.”
2. 3.2.4. huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “3.2.4. fil-każ ta' vetturi mgħammra b'magni b'*positive ignition*, għandu jkun hemm dikjarazzjoni dwar jekk ikunx japplika il-5.1.2.1. (il-ftuħ ristrett) jew 5.1.2.2. (l-immarrkar), u fil-każ ta' l-aħħar, deskrizzjoni ta' l-immarrkar.”
3. 5.1.2.1 u 5.1.2.2 huma miżjuda kif ġej:
- “5.1.2.1. mingħajr preġudizzju għal 5.1.2.2., il-ftuħ tad-dħul tat-tank tal-karburanti għandu jkun imfassal b'tali mod li jipprevjeni milli dan ikun mimli miż-żennuna ta' pajp ta' pompa tal-petrol li jkollu diametru estern ta 23,6 mm jew akbar.
- 5.1.2.2. 5.1.2.1. ma japplikax għal vettura li dwarha jkun għew sodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjen, jiġifieri
- 5.1.2.2.1. li l-vettura tkun iddisinjata u mibnija b'tali mod li l-ebda tagħmir iddisinjat biex jikkontrolla l-emissjonijiet ta' materjali ta' tniġġis f'forma ta' gassijiet ma jiġi affettwat b'mod negattiv minn petrol biċ-ċomb, u
- 5.1.2.2.2. li tkun immarkata b'mod li jidher, li jinqara u li ma jitħassarx bis-simbolu għal petrol mingħajr ċomb (4.26) kif speċifikat mill-ISO 2757-1985<sup>(1)</sup>, f'post immedjatament viżibbli għal peruna li timla t-tank tal-karburanti. Sinjali addizzjonali għandhom ikunu permissibbli.”

(<sup>1</sup>) Riprodotta bħala Figura 22 ta' l-Annex II tad-Direttiva 78/316/KEE.

## ANNEX III

## EMENDI GĦALL-ANNEX I TAD-DIRETTIVA 72/245/KEE

8 jżdzied kif ġej:

“8. ESTENSIJONI TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE

8.1. **Tipi ta' vetturi immodifikati biex jaħdmu bil-petrol mingħajr ċomb**

8.1.1. L-approvazzjoni ta' tip ta' vettura mmodifikata u/jew aġġustata biss għall-iskop li tkun tista taħdem permezz ta' petrol mingħajr ċomb, kif speċifikat fid-Direttiva 85/210/KEE, għandha tkun estiża meta l-fabbrikant jiċċertifika li s-soppressjoni ta' l-interferenza mir-radju għal vetturi immodifikati jibqa' fil-limiti tal-konformità tal-produzzjoni, kif speċifikata f' 9 ta' dan l-Anness.

8.2. **Tipi ta' vetturi mmodifikati għal kull skop ieħor**

8.2.1. L-approvazzjoni ta' tip ta' vettura tista' tiġi estiża għal tipi ta' vetturi li huma differenti fir-rigward tal-karatteristiċi elenkati fi 2.2 ta' dan l-Anness, jekk l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip tikkunsidra li l-modifiki li jkunu saru ma jkollhomx effett sostanzjalment kuntrarju fuq it-trażżin tal-interferenza tar-radju tal-vettura.”

---

## ANNEX IV

## EMENDI GĦALL-ANNEX V TAD-DIRETTIVA 72/306/KEE

Annex V huwa sostitwit b'dan li ġej:

**“KARATTERISTIĊI TEKNIĊI GĦAL KARBURANTI TA' REFERENZA PRESKRITTI GĦAL TESTIJIET TA' APPROVAZZJONI U BIEX TKUN IVERIFIKATA L-KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI**

Karburanti ta' referenza CEC RF-03-A-84 <sup>(1)</sup> <sup>(2)</sup> <sup>(7)</sup>

	Limiti u unitajiet	Metodu ASTM
Numru Ċetan <sup>(4)</sup>	min 49 mass 53	D 613
Densità 15 °C (Kg/l)	min 0,835 mass 0,845	D 1298
Distillazzjoni <sup>(2)</sup> 50 % D 86	90 % min 320 °C mass 340 °C	min 245 °C
FBP	mass 370 °C	
Flash point:	min 55 °C	D 93
CFPP	min – mass - 5 °C	EN 116 (CEN)
Viskożità 40 °C	min 2,5 mm <sup>2</sup> /S mass 3,5 mm <sup>2</sup> /S	D 445
Kontenut ta' kubrit	min (għandu jkun irrap- purtat) mass 0,3 % massa	D 1266/D 2622 D 2785
Erożjoni tar-ram	mass 1	D 130
Residwu ta' Conradson carbon (10 % GRD)	mass 0,2 % massa	D 189
Kontenut ta' l-irmied	mass 0,01 % massa	D 482
Kontenut ta' l-ilma	mass 0,05 % massa	D 95/D 1744
Numru ta' newtralizzazzjoni (aċidu qawwi)	mass 0,2 mg KPH/g	
Stabbiltà ta' l-ossidazzjoni <sup>(6)</sup> mass 2,5 mg/100 m	D 2274	Addittivi <sup>(5)</sup>
Proporzjon ta' l-idroġenu tal-karbonju	(għandu jkun irrapurtat)	

<sup>(1)</sup> Metodi ISO ekwivalenti għandhom ikunu adottati meta l-karatteristiċi kollha elenkati hawn fuq ikunu ġew ippubblikati.

<sup>(2)</sup> Il-figuri kkwotati juru l-kwantitajiet evaporati (persentaġġ irkuprat + persentaġġ mitluf).

<sup>(3)</sup> Il-valuri kkwotati fl-ispeċifikazzjoni huma 'valuri vera'. Fid-determinazzjoni tal-valuri ta' limitu tagħhom, it-termini ta' ASTM D 3244 'li tidifferenxi l-bażi għal kwistjonijiet dwar il-kwalità ta' prodotti petroliferi' ġew applikati u fl-iffissar tal-valur massimu, differenza minima ta' 2R fuq iż-żero ġiet ikkunsidrata; fl-iffissar ta' valur massimu u minimu, id-differenza minima hija 4R (R = reproduċibbiltà).

Minkejja din il-miżura, li hija meħtieġa hhal raġunijiet ta' statistika, il-fabbrikant tal-karburanti għandu xorta waħda jimmira biex jikseb il-valur żero, billi l-valur massimu stipulat huwa 2R, u fil-valur medju fil-każ ta' kwotazzjonijiet ta' limiti massimi u minimi. Jekk ikun hemm b'żonn li tiġi ċċarata il-kwistjoni dwar jekk il-karburant jissodisfax il-kriterji ta' l-ispeċifikazzjoni, it-termini ta' ASTM D 3244 għandhom jiġu applikati.

<sup>(4)</sup> Il-medda għal cetane mhix b'konformità mal-htiga tal-medda minima ta' 4R. B'dana kollu, fil-każi ta' argument bejn min jissupplixxi l-karburanti u l-utent tal-karburanti, it-termini ta' ASMT D 3244 jistgħu jintużaw biex isolvu kwistjonijiet bħal dawn, basta li l-miżuri rreplikati, li jkunu f'numru suffiċjenti biex tinkiseb il-preċiżjoni meħtieġa, jkunu magħmula fi preferenza għal determinazzjonijiet singoli.

<sup>(5)</sup> Dan il-karburant għandu jkun ibbażat biss fuq komponenti ta' distillat ta' straight run u cracked hydrocarbon; il-proċess ta' desulphurisation huwa permissibli. M'għandu jkun fih ebda addittivi metalliċi jew addittivi biex itejbu s- cetane.

<sup>(6)</sup> Anki jekk l-istabbiltà tal-ossidazzjoni tkun ikkontrollata, x'aktarx li l-ħajja utili tkun limitata. Għandu jinkiseb parir mingħand il-fornitur dwar il-kundizzjonijiet tal-ħażna u ta' kemm idum tajjeb.

(7) Jekk ikun meħtieġ li tkun kkalkolata l-effiċjenza termali ta' magna jew vettura; il-valur kalorifiku tal-karburant jista' jiġi kkalkulat minn:

Enerġija speċifika (valur kalorifiku) (nett) MJ/kg =

$$(46,423 - 8,792d^2 + 3,170d) (1 - (x + y + s)) + 9,420s - 2,499x$$

meta: d = densita fi 15 °C,

x = il-proporzjon bil-massa ta' l-ilma (%/100),

y = il-proporzjon bil-massa ta' l-irmied (%/100),

s = il-proporzjon bil-massa tal-kubrit (%/100),

## ANNEX V

### EMENDI GĦALL-ANNEX I TAD-DIRETTIVA 80/1268/KEE

1. 3.1.1 huwa emendat kif ġej:

Titħassar "kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 78/665/KEE"

2. 7 jiżdied kif ġej:

"7. ESTENSJONI TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE

#### 7.1. Tipi ta' vetturi immodifikati biex jaħdmu bil-petrol mingħajr ċomb

7.1.1. Bil-kundizzjoni li l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip tagħti l-kunsens tagħha, l-approvazzjoni ta' tip ta' vettura mmodifikata u/jew aġġustata biss għall-iskop li din tkun tista' taħdem permezz tal-petrol mingħajr ċomb, kif speċifikat fid-Direttiva 85/210/KEE, għandha tkun estiża permezz tal-kondizzjonijiet alternattivi li ġejjin:

7.1.1.1. Il-fabbrikant għandu jiċċertifika li l-konsum tal-karburanti għal kull kundizzjoni ta' test ma jkunx jeċċedi aktar minn 5 % tal-figura miksuba minn vettura li t-tip tagħha huwa approvat fl-istat oriġinali tagħha u mingħajr l-ebda tibdil. F'dan il-każ l-estensjoni għandha tikkonferma l-figuri ta' l-approvazzjoni tat-tip oriġinali, jew

7.1.1.2. Il-fabbrikant għandu jiddikjara revizzjoni tal-figura tal-konsum tal-karburant għal kull wieħed mit-tliet kondizzjonijiet tat-test li jeċċedu b'aktar minn 5 % il-figura miksuba minn vettura li t-tip tagħha huwa approvat fl-istat oriġinali tagħha u mingħajr l-ebda tibdil. F'dan il-każ l-estensjoni għandha tispeċifika l-figuri l-ġodda li jkunu ġew iddikjarati bħala applikabbli għat-tip ta' vettura modifikata.

#### 7.2. Tipi ta' vetturi mmodifikati għal kull skop ieħor

7.2.1. L-approvazzjoni ta' tip ta' vettura tista' tiġi estiża għal tipi ta' vetturi li jvarjaw fil-karatteristiċi elenkati f'Anness II, jekk l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip tikkunsidra li l-modifiki li jkunu saru x'aktarx ma jkollhomx effett sostanzjalment kuntrarju fuq il-konsum tal-karburant tal-vettura."

## ANNEX VI

## EMENDI GĦALL-ANNEX I TAD-DIRETTIVA 88/1269/KEE

1. 8 huwa sostitwit b'dan:

“8. ESTENSIJONI TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE

**8.1. Tipi ta' vetturi mmodifikati biex jaħdmu bil-petrol mingħajr ċomb**

8.1.1. Bil-kundizzjoni li l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni tat-tip tagħti l-kunsens tagħha, l-approvazzjoni ta' tip ta' vettura mmodifikata u/jew aġġustata biss għall-iskop li din tkun tista' taħdem permezz tal-petrol mingħajr ċomb, kif speċifikat fid-Direttiva 85/210/KEE, għandha tkun estiża permezz tal-kondizzjonijiet alternattivi li ġejjen:

8.1.1.1. Il-fabbrikant għandu jiċċertifika li l-qawwa tal-magna tal-vettura mmodifikata għandha tibqa' fil-limiti tal-konformità tal-produzzjoni, kif speċifikat fil-punt 9.2, l-istess kif miksub mill-vettura li t-tip tagħha huwa approvat fl-istat oriġinali tagħha u mingħajr l-ebda tibdil. F'dan il-każ l-estensjoni għandha tikkonferma il-qawwa ta' l-approvazzjoni tat-tip oriġinali, jew

8.1.1.2. Il-fabbrikant għandu jiddikjara reviżjoni tal-figura tal-qawwa tal-magna li tkun anqas minn dik miksuba mill-vettura li t-tip tagħha huwa approvat fl-istat oriġinali tagħha u mingħajr l-ebda tibdil. F'dan il-każ l-estensjoni għandha tispeċifika l-figuri ġodda li jkun għew iddikjarati bħala applikabbli għat-tip ta' vettura modifikata.

**8.2. Tipi ta' vetturi mmodifikati għal kull skop ieħor**

Kull modifika oħra fil-magna, f'dak li huma konċernati l-karatteristiċi elenkati fl-Appendiċi 1 u fl-Appendiċi 2 ta' dan l-Anness, għandhom ikunu rappurtati lill-awtorità kompetenti. L-awtorità mbagħad tista' jew:

8.2.1. tikkunsidra li l-modifiki li jkun saru x'aktarx ma jkollhomx effett sostanzjali fuq il-qawwa tal-magna, jew

8.2.2. titlob determinazzjoni oħra tal-qawwa tal-magna billi jitwettqu dawk it-testijiet meqjusa meħtieġa.”

2. 9 huwa sostitwit b'dan:

“9. TOLLERANZI BIEX TITKEJJEL IL-QAWWA NETTA

9.1. Il-qawwa netta indikata mill-fabbrikant għat-tip ta' magna għandha tkun aċċettata jekk ma tkunx tvarja b'aktar minn  $\pm 2\%$  għall-qawwa massima u b'aktar minn  $\pm 4\%$ , fil-punti l-oħrajn tal-kejl li jkun hemm fuq il-kurva b'tolleranza ta'  $\pm 1,5\%$  għall-veloċità tal-magna, mill-valuri mkejla mis-servizz tekniku fuq il-magna sottomessa għat-test.

9.2. Matul it-testijiet biex tkun ivverifikata l-konformità tal-produzzjoni, il-qawwa għandha titkejjel f'żewġ veloċitajiet tal-magna S1 u S2, li jikkorrispondu rispettivament għall-punti tal-kejl tal-qawwa massima u *torque* massimu kif aċċettati għall-approvazzjoni tat-tip. F'dawn iż-żewġ veloċitajiet tal-magna, li huma suġġetti għal tolleranza ta'  $+ 5\%$ , il-qawwa netta mkejla f'minn ta' lanqas punt wieħed fil-meded S1  $\pm 5\%$  u S2  $\pm 5\%$ , m'għandhiex tvarja b'aktar minn  $\pm 5\%$  mill-figura approvata”.

---